MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 221/2003

**Express Trailers Limited**

**vs**

**RHF Industries Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 t'April tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun kkundannata:**

**1. Illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, hames mija u hamsin Liri Maltin (LM2,550.00,0), dovuti mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici bhala**

**noll u spejjez ohra konnessi mal-garr ta' merkanzija, liema garr sar mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, u dan skond ma jidher fir-rendikont datat l-10 t'April tas-sena 2003 li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument A, liema ammont l-istess socjeta' konvenuta ammettiet li ghandha taghti lis-socjeta' attrici, (vide kopja ta' l-ittra tas-socjeta' konvenuta datata 20 ta' Dicembru, tas-sena 2002, hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B);**

**2. Bl-imghax legali mid-dati tal-fatturi rispettivi u bl-ispejjez, u s-socjeta' konvenuta hi ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-27 ta' Mejju tas-sena 2003 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi preliminarjament it-talbiet tas-socjeta' attrici huma preskritti a tenur ta' l-Artiklu 544 subinciz (a) tal-Kodici Kummerjcali (Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 2147 subinciz (d) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);**

**2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub fl-Avviz m'huwiex dovut ghaliex is-somma mitluba in konnessjoni mal-garr ta' merkanzija hija eccessiva;**

**3. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi din il-vertenza hi f'dan l-istadju limitata ghall-analisi u risoluzzjoni tal-problematika naxxenti mill-ewwel eccezzjoni, dik ta' natura preliminari, sollevata mis-socjeta' konvenuta;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi s-socjeta' konvenuta qed teccepixxi l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni odjerna a bazi ta' l-artikolu 544 (a) tal-Kap 13 u ta' l-artikolu 2147 (d) tal-Kap 16;**

**Illi dawn jistabbilixxu s-segwenti:**

**a. Kap 13: (artikolu 544(a))**

**"L-azjonijiet li gejjin jaqghu bil-preskrizzjoni kif sejjer jinghad hawn taht:**

**Kull azzjoni ghall-hlas ta' nol, sena wara li jispicca l-vjagg;**

**b. Kap 16: (artikolu 2147 (d) )**

**"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sena:**

**(d) l-azzjoni tal-vetturali bl-art jew bil-bahar, imsemmija fl-artikoli 1628 sa l-1631, ghall-hlas tal-kirjiet jew tal-pagi taghhom";**

**Ikkunsidrat:**

**Illi pero' jirrizulta li certu V. Vassallo ghas-socjeta' konvenuta, fuq karta ufficjali intestata f'isem l-istess socjeta', indikati wkoll l-indirizz u numri telefonici u fax taghha, ikkonferma li l-istess socjeta' li f'isimha kien qed jikkorrispondi ammettiet l-ammont dovut u skuza ruhu ghad-dewmien;**

**Illi din l-ittra hi datata l-20 ta' Dicembru tas-sena 2002, (ara fol 3);**

**Illi sussegwentement, permezz ta' ittra ufficjali datata l-11 t'April tas-sena 2003, is-socjeta' attrici interpellat lil dik konvenuta ghall-hlas ta' l-ammont meritu kemm ta' l-ittra fejn l-ammont dovut gie ammess kif indikat fil-paragrafu precedenti, kif ukoll ta' din il-kawza;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi din il-qorti hi sodisfatta li l-firmatarju tad-dokument a fol 3 qed jagixxi regolarment f'isem is-socjeta' konvenuta;**

**Illi ghalhekk stante l-principju li l-principal hu responsabbli ghall-eghmil ta' l-institur ("manager"), u ghall-obbligazzjonijiet li dan jikkuntratt fil-limiti tal-kummerc, tqis li din l-istess ittra bhala ekwivalenti ghall-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, (ara De Carlo noe vs Bartolo noe., Appelli Kummercjali, 28.XI.1960);**

**Ghaldaqstant din l-ammissjoni tinterrompi l-preskrizzjoni sollevata u in vista tal-premess tichad l-ewwel eccezzjoni, dik preliminari, tas-socjeta' konvenuta u tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu, bl-ispejjez.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------